# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-lum il-Hamis, 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 41**
**Rikors Guramentat Numru : 985/2015/LSO**

**Malta Industrial Parks Limited (C 28965)**

**vs**

**Mark Debono (K.I. 256177M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Malta Industrial Parks Limited (C28965) datat 16 ta' Ottubru 2015 fejn esponiet: -

Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella tad-19 ta' Novembru 2004, li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata "Dok. X", l-intimat ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta` esponenti fl-ammont ta' tlettax-il elf, mitejn u disgha u erbghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm13,249.85) ekwivalenti ghal tletin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€30,863.85);

Illi sa mid-data tal-kuntratt sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors l-intimat baqa' ma hallas xejn u dan minkejja ftehim li kien jistipola li l-ammont kellu jithallas fi zmien tliet (3) snin;

Illi mid-data tal-kuntratt sad-data tal-prezentata tal-att odjern iddekorrew imghaxijiet li jammontaw ghal sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€26,923.43) u ghalhekk l-ammont dovut sal-lum huwa ta' sebgha u hamsin elf, seba' mija u sebgha u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€57,787.28);

Illi ghad li dan il-kuntratt jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fit-termini tal-Art. 253(b) tal-Kap. 12, sal-lum ma ttiehdu ebda passi sabiex tali titolu ezekuttiv jigi ezegwit u llum ghaddew aktar minn tliet (3) snin mill-jum li fih seta' jigi ezegwit u ghalhekk japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Art. 258 tal-Kap. 12 li jipprovdu espressament:

“Wara ... *(c)* l-gheluq ta' tliet snin minn dakinhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi *(b)* u *(e)* tal-

artikolu 253... seta' gie esegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."

Illi s-socjeta` esponenti ghandha interess li tezegwixxi dan it-titolu ezekuttiv f'dan l-istadju u ghalhekk qieghda tirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti *a tenur* ta' l-Art. 258 tal-Kap. 12;

lli l-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 538673M, ghan-nom tas-socjeta` esponenti, debitament awtorizzata, qieghda bil-gurament taghha tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi :

1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti sabiex tipprocedi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv imnissel mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella tad-19 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu l-intimat ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta` esponenti fl-ammont fuq indikat, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2015.

Rat ir-risposta ta' Mark Debono datata 18 ta’ Novembru 2015 (fol 9) fejn espona :

Illi jaghmel referenza ghar-rikors bl-ismijiet hawn fuq indikati tas-16 ta' Ottubru 2015, fejn qed jintalab awtorizazzjoni sabiex isir ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' kuntratt tad-19 ta' Novembru 2004;

Illi primarjament l-intimat jirreleva Ii d-debitu huwa preskritt *a tenur* ta' l-Artikolu 2140(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan il-kuntratt huwa suggett ta' kawza fl-ismijiet Mark Debono -v- Mary Zastera et noe (Citaz Nru 360/2005) Ii iIha ghas-sentenza minn 15 ta' Lulju 2009 u b' hekk ghandu jkun hemm l-ewwel ezitu f’ din iI-kawza qabel ir-rikorrenti jmexxu ghal ezekuzzjoni ta' l-istess.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, skont il-kalkolu li ghamel I-intimat ma jaqbilx mal-kalkolu tar-rikorrenti fuq is-somma dovuta biz-zieda ta' l-imghaxijiet. Skont il-kalkolu tieghu l-imghax ghandu jkun 8% kulI sena fuq l-ammont dovut (il-Kapital) u dan ghall-11-il sena jammonta ghal €23,692.57, li jgib total ta' €49,616.00 u mhux €57,787.28;

Illi minghajr pregudizzju, anki jekk l-kalkolu tar-rikorrenti huwa preciz, ir-rikorrenti huwa tal-fehma li l-imghax m' ghandu jaqbez l-ammont tal-kapital, skont l-Artikolu 4 ta' l-Legislazzjoni Sussidarja 16.06 *Interest Rate (Financial Transactions) Order* huma biss istituzzjoni finanarji li jistghu jaqbzu l-kapital bl-imghax. Is-socjeta` rikorrenti mhix istituzzjoni finanzarja u *se mai* saret ma individwu kif projbit fl-Artikolu 3(a) tal-istess legislazzjoni sussidjarja.

Ghaldaqstant, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 28 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenut. Dr Malcolm Mifsud irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu rifferibbilment ghall-preskrizzjoni skont l-Art 2140 (2) - Kap 16, u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni. Rifferibbilment ghat-tieni eccezzjoni, is-sentenza hemm riferita inghatat illum stess, u ghalhekk talab aktar zmien biex jirregola ruhu. Dr John Bonello oppona in kwantu li l-proceduri odjerni jirrigwardaw titolu ezekuttiv u l-ezekuzzjoni tal-istess, u s-sentenza li ghaliha hemm referenza fir-risposta hija 'res inter alios acta' ghar-rikorrenti odjerni. Il-Qorti hasset li l-oppozizzjoni hija gustifikata *stante* li s-sentenza ccitata mhix ser timpingi fuq il-validita' tal-kuntratt *de quo* u ghalhekk cahdet it-talba.
Rifferribbilment ghat-tielet eccezzjoni u wara li rreveda l-kalkoli qabel mal-kalkolu tar-rikorrent. Id-difensuri tal-partijiet ikkonfermaw li ma sarux pagamenti fuq il-kapital li huwa l-oggett tal-kuntratt. Dr Mifsud iccara li dan ma sarx

minahbba l-kawza pendenti msemmija fir-risposta tieghu. Il-Qorti halliet il-kawza ghall-digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni fejn is-socjeta` rikorrenti qed titlob li kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat nhar id-19 ta' Novembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella jigi dikjarat esegwibbli billi ghaddew iktar minn tlett snin minn meta setgha jigi esegwit.

Illi l-intimat oppona billi eccepixxa li d-debitu hu preskritt skont l-artikolu 2140(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; inoltre li l-kuntratt hu mertu ta’ kawza fl-ismijiet **Mark Debono v Mary Zastera (Cit 360/2005)**[1] li ilha ghas-sentenza mill-15 ta' Lulju 2009; inoltre li ma qabilx mal-imghaxijiet kif ikkalkolati fir-rikors promotur anke billi l-ammont mitlub jaqbez is-somma mitluba bhala kapital.

**Ikkonsidrat** li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 id-difensur tal-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni filwaqt li iddikjara wkoll li jaqbel mal-kalkolu tal-imghax maghmul mir-rikorrent.

Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din il-Qorti tqis li r-rikors odjern hu immirat lejn dikjarazzjoni ta' ezegwibbilita' ta' kuntratt li sehh bejn il-kontendenti. Il-fatt li hemm proceduri ohra pendenti mhuwiex ta' xkiel ghat-talba tas-

[1] Din il-kawza giet decisa fit-28 ta' Jannar 2016

socjeta' rikorrenti u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali dwar din l-azzjoni jintrabtu man-natura tal-azzjoni nnifisha, li qiegħda ssir *ai termini* tal-**Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi kif ġej:

"*Wara - .....*
*(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-Artkolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu* ***166A*** *seta' ġie eżegwit,*

*l-eżekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Illi l-imsemmi **artikolu 258** huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

Illi fi proċediment ta' din ix-xorta *ai termini* **tal-Artikolu 258(ċ),** fejn tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tiġi

riavvivata l-eżegwibbilita ta' titolu eżekuttiv meta jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi għall-eżekuzzjoni tiegħu, l-eżerċizzju li jrid isir mill-Qorti huwa biss wieħed ta' verifika u ċertament mhux li ssir il-kanonizzazzjoni u l-komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ dovut.

Illi fuq kollox, il-proċedura mnedija mir-rikorrenti hija maħsuba biex tivverifika li għad hemm obbligazzjoni ta' ħlas min-naħa tal-parti eżekutata, u li għahekk ikun għad hemm raġuni għalfejn ikun fis-seħħ it-titolu eżekuttiv li, bis-saħħa tiegħu, tkun tnisslet tali obbligazzjoni[2];

Kif gie ritenut fil-kaz **Bank of Valletta p.l.c. vs Multi Investments Limited et.,** deċiża (PA) fil-31 ta' Mejju 2012:

*"Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bazi tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hi fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa' jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-liġi seta' jiġi eżegwit kontra d-debitur, il-liġi terġa' ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 l-eżegwibilita tat-titolu eżekuttiv."*

Illi fil-kaz odjern kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont imsemmi fir-rikors.

[2] P.A. AE 12.4.2012 fil-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Refco Co. Ltd, et**

Illi kif ġie spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar** fuq citata**:**

*"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".*

Illi bejn il-partijiet mhuwiex ikkontestat li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicolette Shaw (illum Vella hu titolu eżekuttiv skont l-**Artikolu 253(b) tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta u li japplika għalih l-Artikolu **258(ċ)** tal-istess Kodiċi.

Illi mhuwiex ikkontestat lanqas bejn il-partijiet li d-dejn għadu dovut. Fil-fatt gie verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2016 fil-prezenza tal-intimat li ma sarux pagamenti fuq il-kapital.

## III. <u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni, u tichad l-eccezzjonijiet rimanenti, tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti skont l**-Artikolu 258 (c) tal-Kap.12** terġa' tirrendi

eżegwibbli l-kuntratt pubbliku tad-19 ta' Novembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Shaw, illum Nicolette Vella, ghall-kreditu kanonizzat fl-istess kuntratt, oltre imghaxijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Frar 2016**